**Il-Karti tal-Flus tal-Euro**

Hemm seba' karti tal-flus tal-euro - il-€5, l-€10, l-€20, il-€50, il-€100, il-€200, u l-€500. Is-seba' karti tal-flus tal-euro huma bbażati fuq disinn komuni dwar it-tema "Iż-Żminijiet u l-istili ta' l-Ewropa". Fuq in-naħa ta' quddiem tal-karti tal-flus insibu disinji ta' twieqi u bibien li jissimbolizzaw l-ispirtu miftuħ u ta' kooperazzjoni fl-Ewropa. It-12-il stilla ta' l-Unjoni Ewropea jirrappreżentaw id-dinamiżmu u l-armonija tal-Ewropa ta' llum.

Fuq in-naħa ta' wara tal-karti tal-flus hemm pontijiet li jirrapreżentaw is-seba' perijodi tal-istorja arkitettonika fl-Ewropa. Dawn jissimbolizzaw il-kooperazzjoni u l-komunikazzjoni mill-qrib li jeżistu bejn il-ġnus tal-Ewropa u bejn l-Ewropa u l-bqija tad-dinja.

Il-karti tal-flus tal-euro ma fihom l-ebda naħa nazzjonali u, bħall-muniti, dawn huma valuta legali f'kull parti taż-żona ta' l-euro.

Kull waħda mill-karti tal-flus għandha daqs differenti, li jikber aktar ma jiżdied il-valur tal-karta tal-flus. Il-karti tal-flus għandhom dawn id-differenzi bejniethom u għalhekk jistgħu jintgħarfu faċilment:

- Daqsijiet differenti: iżjed ma jkun għoli l-valur, iżjed tkun kbira l-karta.
- Kuluri jispikkaw: karti b'valuri viċini għandhom kuluri li jikkuntrastaw ħafna. Il-karta tal-flus ta' €5 hija griża filwaqt li tal-€10 hija ħamra. Dik tal-€20 hija blu; imbagħad hemm waħda oranġjo tal-€50 u waħda ħadra tal-€100. Il-karta tal-flus ta' €200 hija safra tagħti fil-kannella; il-karta tal-flus ta' €500 hija vjola.
- Il-valuri huma stampati b'ċifri kbar.
- Il-karti tal-flus huma stampati bir-riljiev, permezz ta' metodu speċjali ta' stampar magħruf bħala 'intall'. Il-karti tal-flus tal-€200 u €500 ukoll għandhom marki stampati bl-intall li jistgħu jinħassu; dawn qegħdin tul ix-xfar tagħhom.

Link għall-paġna tal-BĊE dwar il-karti tal-flus tal-euro
http://www.ecb.europa.eu/euro/html/index.mt.html

**Karatteristiċi ta' sigurtà**

Hemm numru ta' karatteristiċi ta' sigurtà fil-karti tal-flus tal-euro. Dawn qegħdin hemm biex jgħinu l-verifika tal-flus ġenwini.

Link għall-paġna tal-BĊE dwar il-karatteristiċi ta' sigurtà
http://www.ecb.europa.eu/euro/banknotes/security/html/index.mt.html

Dawk il-persuni li jissuspettaw li hawn xi karti tal-flus foloz fl-idejn jistgħu jikkuntattjaw it-Taqsima Għas-Sorveljanza tal-Flus Foloz.

http://www.centralbankmalta.org/updates/Downloads/pdfs/counterfeit_m.pdf

**Il-Muniti Maltin tal-euro**

Mill-1 ta' Jannar 2008, Malta saret parti miż-żona tal-euro, u l-euro saret il-munita nazzjonali ta' Malta.

Hemm tmien muniti tal-euro fiċ-ċirkulazzjoni. Dawn huma taċ-ċenteżmu, 2 ċenteżmi, 5 ċenteżmi, 10 ċenteżmi, 20 ċenteżmu u 50 ċenteżmu, kif ukoll tal-euro u taż-żewġ euro. Il-muniti huma kollha differenti f'termini ta' daqs, piż, materjal, kulur u ħxuna. Ix-xfar tagħhom jinbidlu skond id-denominazzjoni. Kull waħda tingħaraf faċilment, anki dawk neqsin mid-dawl. Il-muniti ta' l-ogħla denominazzjoni – dawk tal-euro u taż-żewġ euro – huma b'żewġ metalli. Il-muniti ta' denominazzjoni medja – jiġifieri dawk tal-10 ċenteżmi, 20 u 50 ċenteżmu – huma minn lewn id-deheb nordiku, filwaqt li dawk ta' denominazzjoni żgħira – jiġifieri taċ-ċenteżmu, taż-2 ċenteżmi u tal-5 ċenteżmu – huma minn lewn aħmar - b'kompożizzjoni tar-ram.

Fuq in-naħat komuni Ewropej tal-muniti hemm xbihat tal-Ewropa, kif ukoll it-12-il stilla tal-Unjoni Ewropea. Minħabba t-tkabbir tal-2004, ix-xbihat tal-Unjoni Ewopea li hemm fuq il-muniti tal-10 ċenteżmi, 20, u 50 ċenteżmu u fuq il-muniti tal-€1 u €2 ġew modifikati biex juru rappreżentazzjoni ġeografika tal-Ewropa.

Għan-naħat 'nazzjonali' tal-muniti tal-euro tiegħu, kull pajjiż juża simbolu jew xbieha nazzjonali. Fil-kaz ta' Malta fuq in-naħa nazzjonali hemm is-Salib ta' Malta, l-Arma

ta’ Malta u l-altar tat-tempju ta’ l-Imnajdra. Minkejja li n-naħat nazzjonali huma differenti fil-pajjiżi kollha taż-żona tal-euro, il-muniti kollha tal-euro jistgħu jintużaw f’kull parti taż-żona tal-euro.

Link għall-paġna tal-BĊE dwar il-muniti tal-euro
http://www.ecb.europa.eu/euro/coins/html/index.mt.html

Link għall-paġna tal-BĊE dwar ix-xbihat tal-muniti Maltin tal-euro
http://www.ecb.europa.eu/euro/coins/html/mt.mt.html

**Materjal ta’ Informazzjoni**

Aktar materjal ta’ informazzjoni dwar il-karti u l-muniti tal-euro qedgħin hawnhekk.

Link għall-paġna tal-BĊE dwar materjal ta' tagħrif dwar il-karti tal-flus u l-muniti tal-euro u tinkludi preżentazzjoni interattiva.

http://www.ecb.europa.eu/euro/html/materials.mt.html

Il-paġna tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-euro

http://ec.europa.eu/economy_finance/the_euro/index_mt.htm?cs_mid=2946

Direttiva No. 10: Qafas għar-riċiklaġġ tal-karti tal-flus tal-euro

http://www.centralbankmalta.org/updates/Downloads/pdfs/directive10.pdf

Magni li jimmaniġġaw il-flus, li jkunu għaddew mit-test

http://www.ecb.int/euro/cashhand/recycling/tested/html/index.mt.html